# L-IMĦABBA TA' ĠESU GĦALINA

Il-passjoni ta' Kristu kien suġġett li Ġuża Mifsud kienet spiss titkellem dwaru. Tista' tgħid li f'kull laqgħa kienet tfakkar kemm ħabbna Kristu li ħa passjoni daqshekk kbira sabiex jifdina. Hi kienet tħeġġiġna sabiex naħsbu u nimmeditaw fuq din il-passjoni ħalli napprezzaw dak li Kristu għamel magħna wara li ħallilna lilu nnifsu fl-Ewkaristija.

## MESSAĠĠ TAT-28 TA' MARZU 1991

F'messaġġ illi Ġuża kienet irrekordjat fit-28 ta' Marzu 1991, Ħamis ix-Xirka hija qalet, "Ġesu kemm Inti twajjeb, Ġesu kemm Int ħanin illi ridt minn qalbek tagħti ruħek f'idejn l-għedewwa biex tant tbati minn Pilatu sal-Kalvarju. Offrejt ruħek lil Alla Missier Etern Tiegħek u tiegħi u ta' kulħadd għall-maħfra tad-dnubiet tad-dinja kollha li saru sa min meta inħalqet id-dinja. Inti tant ħabbejthom lil dawn l-istess għedewwa tiegħek illi għamilt magħhom ħafna egħġubijiet, għamilt ħafna mirakli kbar magħhom. Imma jiena dak li qed nieħu minnek f'dan il-jum huwa li inti tant ħabbejt lill-bniedem illi tajt kollox għall-imħabba tiegħu, biex takkwistalu l-ħajja ta' dejjem permezz ta' dina l-passjoni u l-mewt. Inti batejt ħafna fid-dinja minn meta l-omm għażiża tiegħek u tagħna ġabitek fid-dinja sa meta kellek dawk it-tlieta u tletin sena, fl-aqwa taż-żgħożija Tiegħek.

F'dawk it-tliet snin Inti tajt ħafna minn dak l-għerf illi żejnek bih il-Mulej Alla Missier. Għallimtha ħafna lid-dinja f'dawn it-tliet snin. L-akbar appostolat illi qatt rat id-dinja kien tiegħek. Imbagħad wasalt għal dina l-krudila passjoni. Veru illi inti tlabt lill-Mulej biex jekk jista' jkun iwarrab minnek dan il-kalċi ta' l-imrar imma Inti tlabtu lill-Missier Etern biex fik tingħamel ir-rieda Tiegħu...

U jiena minn Ħadd il-Palm sallum li huwa Ħamis ix-Xirka imxejt pass pass mal-passjoni mqaddsa tas-Sinjur tagħna Ġesu Kristu. ...F'nofs illejl kelli viżjoni ħajja ta' Ġesu. Iltqajt ma' Ġesu taħt is-salib qiegħed ibati, b'dik il-kuruna tax-xewk ma rasu, bis-salib fuq spallejh, dmija tqattar minn rasu u l-għajnejn ta' Ġesu qasmuli qalbi b'dik il-ħarsa ħanina u qaddisa... U meta smajtu jgħid, 'Binti, ma stajt nagħmel xejn aktar u akbar milli għamilt f'dan il-lejl qaddis u prezzjuż li permezz tiegħu ħallejtilkom dan il-miraklu ħaj u divin fl-Ewkaristija', m'għandkomx idea x'ħassejt. Ħassejt lil Ġesu divin, Ġesu illi qiegħed ibati, il-polz tiegħi beda jħabbat mat-taħbita ta' qalbi flimkien mal-qalb divina u twajba ta' Ġesu... Dawk l-għajnejn divini ta' Ġesu ngħidilkom li ppenetrawli qalbi, nifduli qalbi għax dik il-ħarsa divina ta' Ġesu fissret ħafna għalija.



Ġesu qalli, 'Nixtieq ħafna illi inti tkompli xxerred, ma dak illi xerridt sa issa, d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija... Agħtiħom x'jifhmu illi f'dik l-Ostja Mqaddsa hemm Jiena bir-ruħ u bil-ġisem u bid-divinita Tiegħi tas-sema li tani Missieri għa dak kollu li għamilt fid-dinja minn meta ġejt sa meta tawni din il-kiefra passjoni... Ħa ngħidlek Binti, li sallum f'dawk l-inħawi ta' l-Israel... għad baqa' nies bħal ta' dak iż-żmien illi tawni l-passjoni. Għalhekk il-qalb tiegħi nifduhieli bil-lanza. Kien hemm min emmen ħafna u kien hemm min s'issa għadhom ma jemmnux illi Jiena ġejt fid-dinja għal dan ix-xogħol..."

## MESSAĠĠ APRIL 1989

Issa naraw x'qalet Ġuża waqt il-laqgħa ta' April 1989, "Imbagħad dħalt għal dik il-ġurnata terribbli li kien ħa jgħaddi minnha Kristu. Rigward il-lejl ngħidilkom li kien terribbli għal Ġesu li rajtu ħiereġ mingħand Pilatu b'saqajh kollha dmija. Mat-taraġ immarka d-dmija hu u nieżel...

Dana tara bniedem qegħdin isawtuh, qegħdin jagħtuh bil-ponn, ma ngħidilkomx kemm sofriet qalbi dak il-ħin... Rajtu direttament... mhux fuq karta pesta, mhux fuq statwa, mhux pinġut fuq ġebla... Persuna divina ġejja mis-sema, persuna li batiet ħafna, persuna li ma kinitx tiflaħ għal dik it-tbatija li kieku ma kinitx il-veru Iben t'Alla...

Il-Ġimgħa... jiena kont mixwija, bniedma mixwija ġo tant żejt jagħli. Tant kelli tbatija... Sieqi swiditli faħam. Imbagħad tlabt lil Ġesu, għidtlu, 'Imma ħa nibqa' biha din is-sieq?' Qalli, 'Dik tajthielek biex tkompli tbati u ssofri... Inti trid tbati bħala vittma għall-maħfra tad-dnubiet tal-paroċċa tiegħek, tal-gżejjer tiegħek... Illum il-Ġimgħa l-Kbira, kulħadd wara l-istatwa ta' Kristu qed ibati... Bħallum tmint ijiem kienet id-Duluri, kulħadd jimxi wara l-istatwa ta' Ommi Addolorata, ħaġa sabiħa ħafna, imma taħsibx li dawk in-nies li kienu qegħdin jiġru wara l-vara tad-Duluri kienu kollha ġenwini... Kien hemm ħafna minnhom illi waqt dak il-pellegrinaġġ... kienu qegħdin jaħsbu lil min ħa jagħmlu ħsara, lil min ħa jinkwetaw... M'hawnx ħlief mibegħda, nkwiet u ġlied.

L-aktar li sogħbieni Jiena... illi tant għamilt ġid lil ħuti, tant qajjimtilhom mejtin, tant fejjaqtilhom morda u huma biex ħallsuni? Ħallsuni bil-kuruna tax-xewk,... bis-swat. Dalwaqt tara viżjoni oħra li ħa tbikkik.'

U veru bikkitni din il-viżjoni... Meta wasal il-ħin qalulu, 'Stabat fuq is-salib ħalli nibdew nagħtuk bl-imrietel fuq idejk u fuq saqajk'... L-aktar li bata Ġesu fuq idu x-xellugija li refa' s-salib u fuq riġlu l-leminija li refgħet il-piż. Imbagħad bdew jinqatgħu il-vini minnu... Ġesu qalli, 'Imma jiena... l-aktar li batejt bil-kuruna tax-xewk... biex inkun ta' tbatija għal dawk in-nies li qegħdin



jaħsbu kif ħa jagħmlu vendikazzjoni lejn dak, bil-mibegħda lejn dak... lil min ħa jmorru joqtlu, x'qegħdin jipprinċipjaw il-kbar għall-gwerer...

Imbagħad rajt qisni ħames persuni f'dik il-viżjoni illi qabdu jneħħulu dik l-imqaddsa u l-imbierka ta' libsa illi kienet imwaħħla miegħu b'ħafna feriti, dak id-demm... Kemm qalli affarijiet fuqha dik il-biċċa xogħol, qalli, 'Dak qed inpattih għal min jitfa' ruħu fid-dnub rigward l-imqaddsa purita u l-imqaddsa kastita... Tkellem fuq kemm batejt meta neħħewli il-libsa mqaddsa minn fuqi.'

Taħsbux li lil Ġesu ġabulu xi naqra rispett tafux, il-faxxa l-Knisja għamlitha... Lanqas lill-agħar bniedem li hawn fid-dinja ma tawhielu din il-passjoni... Dana kien l-Iben t'Alla, l-Iben Divin illi niżel għalina biex isalvana, biex jeħlisna mill-bibien ta' l-Infern. Qalli, 'Binti, neżlin ħafna rwieħ ġo l-Infern għax mhux talli ma jemmnux talli jiddisprezzaw il-passjoni Tiegħi u jweġġgħu il-qalb ta' Missieri... Meta tara dawn in-nies bla fidi li jġagħlek tbati...'"

## MESSAĠĠ APRIL 1987

F'messaġġ ieħor irrekordjat minn Ġuża Mifsud fl-1987 hija qalet, "...Fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 li kienet taħbat il-Ġimgħa l-Kbira għas-Sibt ... jiena smajt ħafna affarijiet minn Ġesu mgħobbi s-salib illi qalli: «Binti, inti ħa terfa' dan is-salib fuq spallejk bħalma erfajtu Jiena. Dik l-għuda tas-salib li ħa terfa' inti jiena missejtha u beriktha qabel terfagħha inti fuqek... għall-maħfra tad-dnubiet ta' artek, il-gżejjer ta' Malta u Għawdex u għall-bżonnijiet ta' ħafna ulied Adam u Eva illi biċċa minnhom għadhom ħafna fid-dnub. It-twelid u l-ħajja li għext jiena sa tlieta u tletin sena kienu ħafna iebsin, imma l-akbar għebbusija li kelli kienet mingħand Pilatu sal-Kalvarju, sa meta ġejt nkurunat bix-xewk u imsallab. Il-bniedem li tant għamilt ġid miegħu ħallasni b'ħafna affarijiet ħżiena. Lanqas l-agħar bniedem illi ġie fid-dinja ma kellu dina l-moħqrija fuqu, imma Jiena dan għamiltu għaliex dan kien minn Missieri li Jiena għandi nbati u nsofri.'...

F'dak illejl imqaddes minn tal-Ġimgħa l-Kbira 17 ta' April tas-sena 1987 għall-ħabta ta' xi l-11.30p.m. jiena bdejt nisma' il-leħen divin tas-Sinjura tal-Ħajja. Imbagħad b'għajnejja mimlija kollha dmugħ jiena bdejt nara lil Marija li kienet taħt is-salib flimkien ma' xi nies twajba u qaddisin oħra. Dina l-Madonna qaltli: «Kemm tista', binti, għid lil ħutek, kemm ta' artek u kemm jekk jista' jkun tad-dinja kollha, biex tkunu aktar devoti lejn dawn it-tbatijiet ta' Ibni Ġesu u tiegħi, lejn din il-fidwa hekk kbira li saret permezz tal-Mulej li kienet miġjuba mis-sema għall-art b'tant tbatija ta' Ġesu, ħallieq u feddej tagħna.»…



## KONKLUŻJONI

Għalhekk lil Ġesu, Bin Alla u Ħuwna l-Kbir għandna nuruh l-imħabba tagħna, l-apprezzament tagħna għal kemm bata għalina sabiex jifdina. Huwa stess iridna li nagħmlu dan tant li anka fil-Girgenti wera x-xewqa li titpoġġa statwa Tiegħu ibati sabiex nirriflettu fuq din it-tbatija. Kif qalet Ġuża fil-laqgħa tas-17 ta' Marzu 1996, "Nirriflettu fuq it-tbatija li bata Ġesu u ngħidulu: 'Ġesu, nirringrazzjawk ta' kollox. Nadurawk, O Ġesu u mberkuk għaliex b'dak is-salib, b'dawk l-imsiemer, b'dik il-kuruna tax-xewk għoġbok illi Inti tifdi lil kull maħluq illi ġie fid-dinja s'issa u għad irid jiġi."

# KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU U L-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwien għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Hi tgħid li permezz tal-ħidma tagħha kienu ġew ikkonsagrati mal-ħames mija u ħamsa u sittin familja. Kif jixhdu diversi listi li nstabu, kellha diversi saċerdoti li kienet jgħinuha. L-aktar li taw sehemhom jidher li kienu Dun Ġużepp Aquilina (ta' Randa), Dun Ġużepp Aquilina (tal-Lixxu) u Dun Danjel Farrugia. Iżda saru konsagrazzjonijiet ukoll minn Dun Saver Mangion, Dun Anton Vella, Dun Nikola Mifsud, Patri Delia, Dun Karm Tonna, Dun Pawl Attard u oħrajn.

Dan ix-xogħol kienet tagħmlu l-aktar il-Ħadd jew inkella wara li teħles il-qadi tagħha tal-familja.

Waqt is-seduta tal-Kumitat ta' l-10 ta' Marzu 2010, Philip Azzopardi, l-President tal-Kumitat issuġġerixxa li bħala Moviment għandna nippromwovu l-konsagrazzjoni tal-familji. L-idea intgħoġbot għax barra li konna ser nimxu fuq il-passi tal-fundatriċi tagħna, konna wkoll ser inkunu nagħtu s-sehem tagħna biex insaħħu l-familji Maltin.

Għal dawn l-aħħar xhur ħejjejna ruħna għal dan il-għan. Instabet santa tal-Qalb ta' Ġesu u l-Qalb ta' Marija li hija attrajenti u li żgur tolqot il-gosti ta' ħafna. Irriċerkajna wkoll talba adattata u bdejna nħeġġu lid-devoti tal-Madonna sabiex jagħmlu din il-konsagrazzjoni liż-Żewġt Iqlub. Bil-għajnuna t'Alla l-ewwel grupp ta' konsagrazzjonijiet ser isir waqt il-laqgħa ta' l-1 ta' Mejju 2011. Min hu nteressat huwa mħeġġeġ li jkellimna.

***Sylvana Spiteri LL.D***

## AVVIŻI IMPORTANTI

**L-1 TA' MEJJU 2011 -** Dak inhar niffesteġġjaw il-ħamsa u għoxrin sena minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Hija ħaġa sabiħa li dakinhar niltaqgħu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien. Inħeġġiġkom minn issa sabiex iżżommu dan l-appuntament mal-Madonna. Hi qatt ma tonqos mill-għajnuna tagħha, ejjew aħna wkoll nagħtu s-sehem tagħna!

**IL-5 TA' ĠUNJU 2011 -** Laqgħa oħra importanti fejn bil-permess ta' Mons. Arċisqof ser nagħmlu Adorazzjoni Ewkaristika fil-preżenza ta' Ġesu Sagramentat. Ejjew ħalli flimkien infaħħru lil Ġesu u npattu għad-disprezzi li huwa jirċievi minn tant bnedmin.

## GRAZZJI MAQLUGĦA

**John Parnis minn Birzebbugia kiteb hekk:**

Meta t-tifel il-kbir kien qed jinħasel ħass boċċa. Mar għand it-tabib iżda dan qallu li ma hi xejn, qallu li hi bhal fistla. Lilna ma qalilna xejn. Il-boċċa baqgħet tinfjamma ruħha, reġa' mar għand it-tabib u dan taħ l-ingwent.

Meta mar id-dar it-tifel faqa' din il-boċċa u minnha ħareġ likwidu. Reġa' mar għand it-tabib biex jgħidlu x'ġara u din id-darba t-tabib qallu li ma kinx ta' jdejh iżda minflok qallu biex jagħmel appuntament l-isptar. Mill-isptar tawh appuntament ghal sitt xhur wara.

It-tifel ftakar li għandu kuġina taħdem mal-Professur Felice. Mar għandu u l-Professur ħadlu ftit likwidu. Mit-testijiet li saru irrizulta li t-tifel kellu kankru fil-musrana u kien kważi fih daqs ballun tal-flushing. Kieku stenna sa' Jannar meta kellu l-appuntament l-isptar kien ikun tard wisq.

Kien xortih tajba li kienet ħarġet dik il-boċċa għaliex mhux dejjem isir hekk u ħafna drabi wieħed jinduna bil-kankru meta jkun infirex u jkunx hemm xejn x'jista' jsir.

Sadanittant it-tifel ingħata l-parir biex jgħid lili u lil ommu minn xiex kien għaddej. Naturalment ma kienx qalilna biex ma jinkwetanix. Jiena mill-ewwel bdejt nitlob lill-Madonna tal-Girgenti, bdejt nghidilha, " inti tajtuli dan it-tifel u inti salvahuli."

L-operazzjoni għamilha privat, fi klinika, l-Imsida. Mar għall-operazzjoni waħdu, ma ried lil ħadd miegħu. L-operazzjoni saret f'xi s-1.30pm u fis-7.00pm ta' dakinhar stess il-Professur batu d-dar. Il-Professur kien għamel toqba minn fejn il-kankru kien l-eqreb, iffriża l-kankru u neħħieħ. Lit-tifel la sarulu raġġi u lanqas xejn. It-tifel dam xahar id-dar jiġi medikat kuljum biex jinbidel id-*dressing* tal-ferita imma 'l bqija ma' kellu xejn.

Minn l-għadastess ta' l-operazzjoni, it-tifel beda jiċċaqlaq ftit u wara xahar beda jmur għax-xogħol b'mod regolari. Għandu xogħol ta' strapazz għax jaħdem fit-tqegħid tal-madum iżda huwa mfejjaq kompletament u lanqas l-iskossi ma' jaffettwawh.

Il-Madonna vera salvatuli lit-tifel u ta' dan jiena nirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qlajt bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

**N.X. minn Birkirkara**

tirringrazzja lil Alla li bl-interċezzjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud qalghet il-grazzja li tara lil binha jingħaqad mill-ġdid ma' martu u ma' uliedu biex b'hekk qed jgħixu bħala familja flimkien.

**Silta minn rapport li deher fuq "The Sunday Times" tal-5 ta' Diċembru 2010:**

Meta tkellmet ma' dan il-ġurnal dwar il-bomba li kienet saret fl-Uffiċini tat-Transport Malta, is-Sinjorina Daniela Borg Mizzi (Assistenta Eżekuttiva tac-Chairman tal-Malta Transport) qalet illi kieku l-bomba splodiet ftit mumenti qabel meta hija kienet ħdejn it-tieqa, kieku probabbli kienet ittajrilha rasha. Kompliet tirrakonta, "Qisha ħolma... Inqum billejl, immiss idejja, riġlejja... Mort ħdejn il-Madonna tal-Girgenti sabiex nirringrazzjha... għaliex dan miraklu. Għal Konrad, għal Josephine u għalija dan miraklu - seta' kien hemm konsegwenzi serji ħafna."

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.





## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' April 2011 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 1 ta' Mejju 2011 fis-6.30pm
   Il-Hadd 15 ta' Mejju 2011 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Ġunju 2011 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Lulju 2011 fis-6.30p.m.

**Il-laqgħa ta' l-1 ta' Mejju 2011 li taħbat f'għeluq il-25 sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.**

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-ružarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieħa tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI
No. 86 APRIL 2011 JITQASSAM BLA ĦLAS

## Ġuża Mifsud

**Ġuża Mifsud ħdejn l-istatwa tal-Madonna meta kien għadha fl-intrata tad-dar tagħha qabel ma ttellgħet fil-Girgenti fil-5 ta' Mejju 1986 - ħamsa u għoxrin sena ilu. Din l-istatwa nħadmet mill-iskultur Anton Agius tar-Rabat u oriġinarjament kienet kulur it-terracotta.**






**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jawgura Għid Ħieni lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin u l-proxxmu kollu. Ġesu qalilna, "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, wkoll jekk imut igħix u kull min igħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."**